# Il-Pedestall tal-Vara Titulari ta' San Pawl

Mons. Ġwann Azzopardi



Fost l-opri li saru din is-sena fil-Knisja jispikka x-xogħol li sar fuq il-pedestall tal-vara titulari li bil-kontribut ġeneruż tal-benefattur rabti Paul Borg ġie indurat mill-ġdid minn Arthur Vassallo b'deheb ta' 23 3/4 karat wara li l-iskultur Lawrence Grima ta' Ħal Qormi sewwa xi ħsarat fl-iskultura tal-ornati billi waħħal biċċiet li kienu nqalgħu u ħadem mill-ġdid xi partijiet żgħar li kienu neqsin.

L-ewwel kumment li nagħmlu hu li dak mhux il-pedestall oriġinali tal-istatwa. Dak kien inbidel ma' wieħed wisq ornat li għandna taħt l-istatwa llum. L-antik li ma kienx indurat ħlief f'xi ornamenti żgħar, kellu erba' anġli fil-ġnub li tneħħewlu wkoll, partijiet oħra nkisru, intrefa' fil-foss u ttella' minn hemm fl-1974 biex jitqiegħed fil-mużew, fejn għadu jistenna li jasal il-mument tar-restawr tiegħu wkoll.

Kemm fuq l-istatwa nnifisha kif ukoll iż-żewġ pedestalli li sarulha, illum għandna bosta tagħrif, iżda għad baqa' ħafna x'niskopru għax sfortunatament m'għandniex dokumentazzjoni komplita. Ġie skopert fl-1977 (ara l-artiklu tiegħi fl-ewwel ħarġa ta' Il-Festi Tagħna) li l-iskultur kien Giovanni Caruana, li din kienet l-ewwel opra tal-Fratellanza, u għandna wkoll parti mill-ħlasijiet li ħa l-iskultur Caruana. Nafu wkoll li sar ftehim legali iżda ma nstabet sa issa ebda kopja tiegħu.

Mir-riċerka ta' Dr John Debono fil-ktieb tal-festa tal-2006 sirna nafu li l-istatwa damet ma ġiet ir-Rabat wara li tlestiet għax il-prokuraturi ma kinux sodisfatti bil-perfezzjonament tal-istatwa u riedu pariri dwar il-ħlas li dak kien ħaqqu l-iskultur. Mill-ammont tal-ħlas li ġie mogħti, 75 skud, hemm indikazzjoni li l-kuntratt ma kienx jinkludi l-pedestall li aktarx sar minn ħaddieħor. Fl-istess ħarġa tal-2006 jien ktibt fuq l-isgraffir tal-istatwa li ma kienx oriġinali mal-istatwa iżda li min għamlu, b'sengħa kbira ddisinja fih ħafna episodji mill-ħajja ta' San Pawl.



Irridu ngħidu hawn li fl-imgħoddi l-festa titulari ta' San Pawl ma kinitx tingħata l-importanza li għandha llum. Ma kinitx issir il-Ħadd iżda fost il-ġimgħa, l-għada tal-Imnarja. Niftakar lis-sagristan Gio Batta Sammut jgħidilna li min ma kienx isib reffiegħa biex idaħħlu l-istatwa fin-niċċa tagħha u fil-ħin ta' nofsinhar kien imur fil-pjazza ta' San Katald jitlob xi rġiel biex jagħtu daqqa t'id ħalli jdaħħlu l-istatwa fin-niċċa.

In-niċċa l-antika kienet ħafna



iżgħar minn tal-lum u kienet mal-ħajt tal-korsija li jifred lill-Knisja Parrokkjali mill-Grotta. L-għoli tan-niċċa ma kienx jippermetti li joqgħod ukoll il-pedestall u għalhekk dan kien jinżamm f'post ieħor.

Kien fis-16 t'Ottubru 1916 li l-Kappillan Carmelo Sammut għamel rikors fil-Kurja biex fil-ħajt tal-Kappellun ta' San Anton tithaffer niċċa aktar biex fiha titpoġġa b'kumdità akbar l-istatwa titulari, rikors li ġie approvat minnufih bil-koperazzjoni tal-Mons. Salvatore Manduca li kellu f'idejh l-abbazija tal-kappellun ta' San Anton. In-niċċa li tħaffret kienet kbira biżżejjed biex fiha joqgħod ukoll pedestall ġdid u akbar. Biex tingħata prominenza lill-istatwa fi ftit snin sar pedestall ġdid kollu ndurat li jattira ħafna attenzjoni, l-istatwa nfisha ġiet żgraffita mill-isbaħ u n-niċċa wkoll ġiet dekorata u mpittra minn Pawlu Galea, missier l-iskultur Ġużeppi u ħuh Dun Viċens, li fil-parrokat tal-Kan. Benjamin Tonna rrinova d-dekorazzjoni mill-ġdid.

Niġu issa għall-mistoqsija: x'wassal biex il-pedestall oriġinali jitneħħa u jsir wieħed isbaħ, akbar, aktar ornat, li skont xi wħud donnu jattira l-attenzjoni aktar fuqu milli fuq l-istatwa? U l-pedestall il-ġdid min iddisinjah, min ħadem l-injam, min ħadem l-iskultura bis-simboli tal-erba' kontinenti u min indurah? L-unika ħaġa li nafu sa issa hi li fil-wiċċ tal-pedestall li fuqu toqgħod l-istatwa hemm miktub *Paolo Fenech, 8 giugno 1917*. Dan jorbot sew mad-data tan-niċċa l-ġdida. L-1917 kienet l-ewwel festa bl-użu tal-pedestall il-ġdid. Nittamaw li b'aktar riċerka fil-Kurja għad niksbu aktar tagħrif u nsiru nafu x'kien sew is-sehem ta' Pawlu Fenech.

Meta saqsejt lill-induratur dwar l-istruttura interna tal-pedestall qalli li l-qafas tiegħu jikkonsisti f'erba' seratizzi weqfin li madwarhom hemm l-erba' faċċati sbieħ bl-ornamenti tagħhom kif ukoll l-erba' mensoli.

Fin-nuqqas ta' dokumenti, nagħmlu biss dawn l-ipotesi.

Tgħid raw li l-pedestall il-qadim ma kienx kbir biżżejjed għall-istatwa jew inkella għall-istatwa fin-niċċa l-ġdida? Fil-fatt hemm din id-differenza fil-qisien: il-ġdid hu għoli 98 ċentimetru u l-bażi hi ta' 152 ċentimetru kwadru, waqt li l-qadim hu għoli 66 ċentimetru u l-bażi hi 130 ċentimetru kwadru. Il-ġdid għandu s-simboli tal-erba' kontinenti waqt li l-qadim kellu huġġieġa bil-lifgħa, sejf u kuruna tal-martirju, ktieb u l-ittri SP (Sanctus Paulus). Tgħid forsi bidluh għax ma rawhx ileqq u attraenti biżżejjed? Tgħid raw li hu wisq kopja tal-pedestall tal-istatwa ta' San Pawl tal-Belt, li wkoll għandu erba' anġli?



Ha nagħmlu kumment żgħir fuq dan l-aħħar punt: ix-xebh mal-istatwa tal-Belt. Id-drawwa li l-purċissjoni tal-festa titulari tkun akkumpanjata minn statwa tal-injam mhix antika żżejjed.



Id-drawwa antika kienet li tiġarr biss ir-relikwa tal-qaddis. Il-purċissjoni li għamel Beneguas b'tant statwi mill-Belt għall-Grotta ta' San Pawl fl-1609 kienet ħaġa innovativa ħafna. L-istatwa ta' San Pawl tal-Belt kienet fost l-ewwel, iżda din kienet statwa privata tal-familja Testaferrata magħmula għalihom minn Melchiore Gafa li bħala tfajjel kien jaf sewwa lil din il-familja fil-Birgu u l-Belt. Kienu jisilfuha lill-Knisja ta' San Pawl tal-Belt kull sena u fl-aħħar irregalawha lill-Knisja. Il-poża ta' San Pawl b'idu merfugħa 'l fuq bit-tislima rumana ntgħoġbot u saret il-klassiku ta' Malta f'bosta statwi fil-knejjes kif ukoll f'niċeċ fit-toroq tagħna. Giovanni Caruana spira ruħu minn din l-istatwa kif ukoll ispira ruħu minnha min għamel il-pedestall bl-erba' anġli. Iżda l-istatwa tar-Rabat kienet forsi l-ewwel waħda spirata minnha u kienet tidher qisha kopja. Tgħid bidlu l-pedestall biex inissu din ir-rabta?




Aktar minn hekk, wara li neħħew il-pedestall l-antik, għaliex kissrulu l-erba' anġli, u dawn l-iskulturi fejn marru? Għaliex tnejn mill-erba' mensoli wkoll sparixxew?

F'din l-okkażjoni xieraq nammiraw il-ġmiel tal-pedistall il-ġdid li bl-iskultura fih ta' erba' kontinenti, donnu jrid iwasslilna l-messaġġ li San Pawl hu DOCTOR GENTIUM, l-imgħallem tal-ġnus. Napprezzaw ukoll il-kura li ħa l-induratur Arthur Vassallo li b'attenzjoni u ħeġġa tana biċċa xogħol mill-isbaħ li tagħmel unur lilna u lilu. Nirringrazzjaw ukoll lill-benefattur Paul Borg li ffinanzja dan il-proġett.